# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(AGENT PRESIDENT)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2016**

**Numru**

**Rikors numru 73/11 AF**

**Sean Bradshaw, Richard sive Rick Bradshaw, Philip Bradshaw, Maureen Crossey, Anna Abela, Caroline Falzon, Joanna Marion LeGault, Philip Bugeja, f'ismu u bhala mandatarju ta' Julian Bugeja, Mary Ann Mason, Alberta sive Berta Camilleri, u Alfred Falzon Sant Manduca, Mark Cassar Desain, f'ismu u bhala mandatarju ta' Jason Cassar Desain, Rachel Cassar Desain, Vivien sive Vivienne Cassar Desain, Christine Delia, Veronica von Brockdorff, Nathalie Savill, Michael Cassar Desain, Andrew Said, Stephen Said, u Francesca Salomone, Lawrence Desain Viani, u Mercury plc**

**v.**

**(1) L-Avukat Generali**

**(2) Il- Prim Ministru u**

**(3) l-Qorti fil-verbal tal-14 ta' Dicembru, 2011, laqghet it-talba biex jissejhu fil-kawza l-Kings Own Band Club**

**Il-Qorti:**

Din hi procedura ghar-ritrattazzjoni ta' kawza finalment deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Frar, 2015. Qabel ma jigi trattat il-meritu, irid jigi diskuss u deciz l-aggravju tar-ritrattati relatati mal-fatt li, fil-ligi taghha, il-procedura ta' ritrattazzjoni mhix applikabbli ghall-kawzi kostituzzjonali, kif inhi din il-kawza.

Din il-Qorti tirrileva li dan il-punt gie deciz din is-sena stess minn din l-istess Qorti fil-kawza "**Barbara et v. L-Onorevoli Prim Ministru et**" deciza fit-13 ta' Jannar, 2015. Din il-Qorti, f'dik is-sentenza, qablet ma' gurisprudenza anterjuri fis-sens li l-procedura ta' ritrattazzjoni ma tistax tintuza f'kaz ta' natura kostituzzjonali. Intqal in fatti illi;

> "*Hu minnu li l-Qorti Kostituzzjonali, fejn jidhlu d-drittijiet tal-bniedem, hija qorti ta' revizjoni wara decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Jibqa l-fatt, pero` li l-Qorti Kostituzzjonali m'hijiex Qorti tal-Appell, u ghandha gurisdizzjoni specjali u funzjoni partikolari li jinsabu lill'hinn mill-process ordinarju regolat bil-Kap. 12 imsemmi. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju, bil-procedura tkun applikabbli biss fil-kazijiet espressament kontemplati fil-ligi li, gie ritenut, jridu jinghataw interpretazzjoni strettisima u litterali (ara, perezempju, il-kawza* ***Testaferrata Moroni Viani et v. Vella****, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004). Darba l-ligi ma tikkontemplax ritrattazzjoni mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ma tistax, dik il-Qorti stess, tohloq tali rimedju. Il-kaz inghalaq mad-decizjoni ta' din il-Qorti, salv id-dritt tac-cittadin milqut hazin li, forsi ghat-tielet darba jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem*".

Din il-Qorti ghadha tikkondividi l-hsieb taghha kif espress f'dik is-sentenza, u kwindi tqis it-talba ghar-ritratazzjoni bhala irrita u nulla.

Ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghad-dibattiti parlamentari u jghidu li l-hsieb tal-emenda relattiva kien li tkun tista' issir procedura ta' ritrattazzjoni anke quddiem din il-Qorti. Dak li hu importanti, pero`, mhux x'jinghad waqt id-dibattiti, izda jekk dak li jinghad giex rifless fil-ligi, u fil-kaz in ezami l-ligi ma tikontemplax ir-rimedju ta' ritrattazzjoni quddiem din il-Qorti. Fuq kollox lanqas ma hu car jekk il-Ministru li ressaq l-emenda kellux il-hsieb li jippermetti tali rimedju, u dan qed jinghad peress illi huwa jitkellem fuq "*kawza ta' ritrattazzjoni fir-rikors kostituzzjonali*", li tista' tirreferi ghar-rikors kifipprezentat quddiem l-ewwel Qorti fejn tinbeda l-kawza, u mhux ghar-rikors li jitressaq quddiem din il-Qorti li biss f'kazijiet rari isservi bhala Qorti ta' prim istanza ta' kawza. Jekk wiehed, inoltre, joqghod fuq dak li qal il-Ministru fid-dibattitu, isib li tali procedura ta' ritrattazzjoni ma kellhiex issir quddiem din il-Qorti, li jfisser li din il-procedura tkun nulla anke ghaliex ma tressqetx quddiem Qorti kompetenti.

Din il-Qorti tara li r-riferenza li saret ghad-dibattiti parlamentari kienet pjuttost inutili, u l-kliem tal-ligi ma jindikawx li l-procedura odjerna hija permissibli.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, u ghar-ragunijiet esposti, il-Qorti tiddeciedi l-punt fuq imsemmi billi tiddikjara li l-procedura ta' ritrattazzjoni mhix

kontemplata u kwindi ma tistax tigi adoperata f'kazijiet bhal dak prezenti, u konsegwentement tiddikjara r-rikors ta' ritrattazzjoni tal-imsemmija rikorrenti ritrattandi irritu u null u ma tihux konjizzjoni tieghu. L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-istess rikorrenti ritrattandi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R.Micallef<br>Agent President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb